MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 492/1997/1

Mario Allison
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjoni, gie trasferit u tilef l-impieg.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien dahal bhala suldat fis-sena 1983 u dam jahdem hemm sas-sena 1992. F’dan iz-zmien ir-rikorrent dejjem kien ghamel xogholu bl-akbar reqqa tant li qatt ma kellu rapporti hziena mis-superjuri tieghu. Ir-rikorrent kien specjalizzjat mill-armata bhala clerk 3rd class biex ikun jista’ jaghmel xoghol ta’ skrivan. Hu kien hadem il-pay

office, in-Neighbourhood Patrol Unit fejn hemmhekk kien responsabbli li jorganizza n-nies f'diversi progetti tal-Gvern, kien hadem ukoll ma' l-Airport Security.

Illi fis-snin 1988 u 1990 ir-rikorrent kien gie darbtejn maqbuz ghall-grad ta' Lance Bombardier u minflok, il-promozzjoni kienet giet moghtija lin-nies b'inqas servizz, kwalifikazzjonijiet u esperjenza minnu.

Illi fis-sena 1990 ir-rikorrent kien gie trasferit ghall-Airport Company minghajr qatt ma nghata raguni ta' xejn meta nies li kienu gew warajh baqghu jahdmu l-pay office u nies ohra li kienu riedu jmorru jahdmu l-Airport kienu gew irrifjutati. Wara t-tragedja ta' Lokerbie l-Kaptan li kien jahdem mar-rikorrent kien gie trasferit u l-Kaptan li kien gie minfloku kien gab l-iskrivan tieghu u r-rikorrent spicca ma jaghmel xejn ghal aktar minn sena. Hu kien talab diversi drabi biex imur il-Finance Office fejn kien hemm il-vakanzi, talba li kienet giet dejjem michuda minghajr raguni ta' xejn.

Illi l-kawza tal-fatt li qaghad ghal zmien ma jaghmel xejn ir-rikorrent kienet qabbditu dipressjoni li wasslitu biex jiehu xi granet sick leave, dejjem bl-ordni tat-tabib ta' l-armata. Fl-1992 ir-rikorrent kien gie offrut li jkollu xoghol alternattiv billi jmur "seconded" ma' dipartiment iehor. Wara l-interview li r-rikorrent kien ghadda minnu, kien gie accettat biex jibda jaghmel xoghol iehor mhux fl-armata. Wara l-elezzjoni ta' l-1992 is-secondment kien gie rtirat minghajr ebda raguni u minflok gieghluh jaghzel jew li jibqa' fl-armata fl-Airport Security qisu qatt ma gara xejn, jew jghaddi bord. Ir-rikorrent kellu ta' bilfors jghaddi bord.

Illi r-rikorrent kien tal-fehma li dawn il-vendikazzjonijiet kienu saru mieghu ghaliex ma kienx jaqbel mal-Gvern tal-gurnata.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jkollu cans jerga' jingagga ruhu fl-armata u jiehu s-servizz li tilef kif ukoll il-promozzjonijiet li kien haqqu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi rrizulta li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988, kif ukoll dawk li saru b'effett mill-1 ta' Ottubru 1990 ir-rikorrent kien ressaq l-ilment tieghu quddiem l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien.  Irrizulta wkoll li r-raguni li l-ufficjal kmandant kien ta lir-rikorrent l-ghala ma kienx inghata l-promozzjoni ssodisfat lir-rikorrent billi r-rikorrent ma kienx talab biex ikompli jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien.  Dan kien fiz-zewg kazijiet.  Illi oltre dan irrizulta li dawk li kienu gew promossi b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u li kienu juniors tar-rikorrent kienu kollha attendew Cadre Course li r-rikorrent ma kienx gie nominat biex jattendi.

Illi jidher li l-promozzjonijiet kienu saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe` l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li kienet saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi fir-rigward li r-rikorrent qal li kien gie trasferit u tilef l-impieg donnu ried jaghti wiehed f'jifhem li hu kien sofra xi ingustizzja minhabba li gie posted fl-Airport Security Company li llum tissejjah A Rifle Company. Tajjeb li wiehed isemmi li dejjem ikun hemm bzonn tippostja nies minn sezzjoni ghall-ohra fl-Armata, u allahares l-ufficjal kmandant ta' unita` jew sahansitra l-Kmandant tal-FAM ikun ristrett jaffettwa postings fl-armata minhabba li xi individwi ma joghgobhomx ghaliex dan fih innifsu jkun ifisser xkiel fit-tmexxija ta' l-istess Armata jew tal-unita` koncernata. Bhala ezempju ta' dan, fiz-zmien li r-rikorrent irrefera ghalih u anki aktar qabel, saru postings minn kull kumpanija tar-Regiment li r-rikorrent kien posted mieghu ta' suldati biex jahdmu fl-Airport Security Company. Dan kien minhabba nuqqas ta' personnel ma' din il-kumpanija li rrizulta mat-temm ta' ngagg tal-membri tad-Dejma li f'din il-kumpanija kienu jlahhqu mal-44. B'hekk ma jistax ir-rikorrent jghid li kien gie posted minghajr ma nghata l-ebda raguni ghaliex kullhadd kien jaf li qed jigu posted suldati minn kumpaniji ohra ghal dan il-ghan. Dan jixhduh l-istess ordnijiet li kienu johorgu u jigu pubblikati f'dawk li fl-armata jsejhulhom Regimental Part I Orders ta' postings ta' diversi suldati minn zmien ghall-iehor.

Illi temm tal-impieg tieghu fl-armata kien wara rakkomandazzjoni ta' Bord Mediku ta' tobba li ddikjaraw li r-rikorrent ma kienx aktar tajjeb ghax-xoghol ta' suldat minhabba ragunijiet ta' sahha. Wiehed ma jistax jattribwixxi xi ingustizzja f'li wiehed jigi mitmum lilu l-impieg minhabba ragunijiet ta' sahha meta fuq kollox hu stess ikun ipprepara triq billi jassenti minn fuq il-post tax-xoghol ghall-perjodu twil u kontinwu precizament minhabba li ma jhossux aktar tajjeb ghal xoghol ta' suldat. Fil-kaz tar-rikorrent hu kien ilu assenti kontinwament mix-xoghol bejn l-1 ta' April 1991 u l-15 ta' Lulju 1991 u wara dan beda perjodu iehor twil ta' sick leave mill-20 ta' Awissu 1991 sad-data tat-temm ta' impieg fil-11 ta' Frar 1992 kif imsemmi aktar 'il fuq.

Illi tajjeb li wiehed isemmi wkoll li ghall-habta tal-1991 ir-rikorrent kien wera l-hsieb tieghu li jemigra lejn l-Ingilterra sabiex jissetilja hemmhekk. Skond hu, hu kellu nies

jghixu f'dak il-pajjiz u sahansitra kien talab sitt xhur Unpaid Leave sabiex skond hu jmur jipprova jara jidrax hemm. Dan ma kienx possibli li jinghata lilu u minflok inghatalu xi leave minn tieghu. Tajjeb ukoll jinghad li waqt li kien hemm kien kiteb u baghat certifikat mediku li juri li hu kien indispost li jigi Malta minhabba raguni ta' sahha mhux qabel certu zmien li rrizulta li kien bejn wiehed u l-iehor 4 gimghat minn meta kellu jidhol lura ghax-xoghol. Minn dan wiehed jifhem li r-rikorrent ma kienx bi hsiebu jibqa' fl-armata u ghaldaqstant m'ghandhux jattribwixxi li sofra xi ingustizzja minhabba li gie posted kif intqal aktar 'il fuq jew li l-ingagg tieghu fl-armata kien gie tterminat minghajr raguni valida.

Illi rrizulta li r-rikorrent kien gie posted fl-Airport Security Company fl-20 ta' Settembru 1988 u mhux fil-1990 kif qal hu. Illi fil-bidu tal-1991 cioe` Marzu 1991 ir-rikorrent kien inghata xoghol ta' sigurta` ma' l-istess kumpanija u li minn dak iz-zmien beda bis-sick leave kif imsemmi aktar 'il fuq. Illi l-argument li gab li kien hemm xi zmien li hu ma kien qed jaghmel xejn fuq il-post tax-xoghol huwa stramb. Kieku ghas-sahha tal-argument vera kien hekk dan ma setax ikompli jghidu minhabba li f'Marzu tal-1991 inghata xoghol ta' sigurta` flok dak ta' skrivan.

Illi ma rrizultax li r-rikorrent ghamel xi talba biex imur jahdem xi mkien iehor kif allega.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi dan it-tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u fih semma li dahal jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta fl-1982 fil-grad ta' gunner. Matul is-sena 1988 saru zewg Cadre Courses ghall-Lance Bombardiers. Hu kien gie rakkomandat minn Lieut. Alfred Borg li kien is-superjur tieghu ghal dawn il-Courses pero` fl-ebda wiehed ma gie accettat. Ir-raguni li nghata kienet li kellhom bzonnu fil-Pay Office u ma setax imur kulhadd ghall-dawn il-Courses. Weghduh li ser imur ghat-tielet wiehed li pero` qatt ma sar. Fil-Pay Office kienu tlett suldati, kollha fil-grad ta' gunners, izda kien hu biss li ma attendiex ghall-Cadre Course. Hu kien ghamel zewg ilmenti bil-miktub dwar dan lis-superuri tieghu u wara t-tieni ilment gie trasferit mal-Airport Security Company fejn gie assenjat xoghol klerikali mal-Maggur Joseph Saliba. Hu kien ilmenta dwar dan it-trasferiment pero` baqa' ma nghata ebda raguni valida. Fost affarijiet ohra kien responsabbli mid-daily running ta' l-ufficju. Meta gie trasferit il-Maggur Saliba u gew appuntati l-Kaptan John Camilleri u l-Warrant Officer Henry Peel biex jiehdu l-Kmand ta' l-Airport Security Company, lilu tiehidlu x-xoghol kollu u spicca jqatta' l-granet ihares u ma jaghmel xejn ghal madwar erba xhur. Fl-1 ta' April 1991 hareg bis-Sick leave peress li kien qed ibati minn depression. Hu kien gie ordnat biex johrog bis-sick leave mit-Tabib ta' l-Armata. Fl-ewwel perjodu ta' sick leave kien bejn l-1 ta' April u l-15 ta' Lulju 1991 kienu jsirulu zjarat ghall-gharrieda fid-dar tieghu minn ufficjali ta' l-Armata li kienu jaghmlu dan anke f'nofs il-lejl u fis-siegha ta' filghodu. Wara li rega' dahal ghax-xoghol kien inghata "light duty" li kien ghassa ma' gates. Ix-shift kien ta' kuljum bejn is-siegha u s-sebgha ta' wara nofs in-nhar.

Qal illi fl-Armata minn dejjem kienet il-procedura illi s-suldati li jahdmu fl-ufficini kienu intitolati ghal nofs ta' nhari matul is-sajf peress illi jkunu hadmu ghal dan matul ix-xitwa, u li minn dejjem kienet il-procedura li suldati fuq "light duty" kienu jahdmu mis-sebgha ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofs in-nhar. L-ebda wahda minn dawn il-proceduri ma giet applikata fil-kaz tieghu, anzi sostna li gara bil-maqlub.

Fl-20 ta' Awissu 1991 rega' mar ghand it-Tabib ta' l-Armata li ordnalu biex johrog bis-sick leave u biex imur kull xahar biex jivverifika l-kundizzjoni tieghu. Matul dan il-perjodu ghamilha cara ma' kulhadd li l-problema kien ix-xoghol fl-Ajruport, u mhux fi hdan l-Armata. Kien kellem diversi nies biex jigi trasferit fil-Finance Office peress li kien hemm vakanza ghal Skrivan izda kien kollu ghal xejn. Kien emigra lejn l-Ingilterra mbaghad wegga' u rega' gie lura Malta. It-Tabib ta' l-Armata kkonferma d-dijanjosi li kien ghamel it-Tabib Ingliz u baghtu l-isptar ghall-X-Rays u ordnalu medicini differenti minn dawk li kienu preskritti fl-Ingilterra. Ghall-habta ta' Novembru 1991, gie nfurmat minn Ufficjali ta' l-Armata illi kienu lesti joffrulu impjieg alternattiv (u cioe` jigi misluf) ma' dipartiment tal-Gvern. Kien anke ghamel intervista pero` ghall-habta ta' Frar 1992 gie nfurmat li t-trasferiment ma kienx ser isehh u li kellu jerga' jidhol ghax-xoghol mas-Security Airport Company fi hdan l-istess Armata jew inkella jghadduh Medical Board. Hu ma kellux triq ohra hlief illi jghaddi Medical Board.

Xehed Major Joseph Saliba li semma li minn Settembru 1988 sal-1990 ir-rikorrent kien jahdem tahtu bhala clerk fl-Airport Security Unit. Hu kien l-Officer Commanding tieghu u ma kienx hemm complaints dwaru. Ix-xhud kien gie trasferit u wara appuntat bhala Finance Officer tal-AFM u kien stazzjonat Luqa Barracks u qal li lir-rikorrent kien hallieh fejn kien. Fis-sezzjoni tal-Finance fejn mar kien hemm bzonn ta' Personnel. Ir-rikorrent kien kellmu u talbu jintercedi mal-Brigadier biex jinghata transfer u jmur fil-Finance Department.

Xehed Warrant Officer Francis Buhagiar li semma li jahdem fis-sezzjoni tal-finanzi fl-Armata u li fl-1990 u 1991 jiftakar lir-rikorrent jahdem l-Airport. Qal li r-rikorrent ma kienx ghall-qalbu u hareg bis-sick u kien talbu jekk jistax imur fis-sezzjoni tal-Finance Department Hal-Luqa. Qal li dak iz-zmien kien hemm zewg vakanzi fid-Dipartiment tal-Finanzi u li t-talba tar-rikorrent kien ressaqha b'mod informali mal-Brigadier is-Sur Calleja izda qatt ma ressaqha bil-miktub.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li pprezenta dokument MS1 li hija lista tal-promozzjonijiet li hargu b'effett mill-11 ta' Mejju 1988. Ipprezenta wkoll Dok MS2 li hija silta mill-promozzjoni li hargu b'effett mill-1 ta' Ottubru 1990 minn Gunner ghal Lance Bumbardier. Esebixxa Dok MS3 li juri l-posting tar-rikorrent li kien minn Head Quarters Company ghal Airport Security Company b'effett mill-20 ta' Settembru 1988 li dawn kienu fl-istess regiment. Esebixxa Dok MS4 li hija ittra tas-6 ta' Jannar 1989 fejn fiha hemm spjegat ghalfejn kienu qed isiru diversi postings ghal Airport Security Company. Kienu mibghuta 44 ruh l-Airport Security Company u dawn kienu mqassmin fuq medda ta' zmien u kellhom jigu attivi mill-1 ta' Jannar 1988 sal-15 ta' Dicembru 1988.

Ikkonferma li kien xehed il-Maggur Saliba fir-rigward tar-rikorrent u li l-Kaptan John Camilleri u Warrant Officer Peel kienu hadu over u kienu in charge fl-Airport Security Company. Mill-personal file ma rrizultax li kien hemm xi lment minn naha tar-rikorrent wara li kien intbaghat l-Airport Security Company. Qal li wara li kien siefer l-Ingilterra r-rikorrent kien sofra xi haga f'dahru u ma setax jigi lura. Meta rritorna lura r-rikorrent kien ghamel sick minn barracks minhabba l-ugigh f'dahru u baqa' jirraporta sick mill-20 ta' Awissu sa l-14 ta' Novembru 1991. Ir-raguni tas-sick leave kien back pain.

Fil-15 ta' Ottubru 1991 ir-rikorrent kien ghadda l-ewwel medical board u kien rega' ghadda medical board fit-13 ta' Jannar 1992 izda hawn instab li kien qed isofri minn reactive depression. Mill-15 ta' Lulju sa l-20 ta' Awissu 1991 ir-rikorrent ma kienx sick u l-probbabilita` kienet li rraporta lura ghax-xoghol. Ma kienx jaf jekk ir-rikorrent kienx gie ordnat jaghmel xoghol light duty minhabba l-problemi f'dahru. Mill-20 ta' Awissu sa l-14 ta' Ottubru ir-rikorrent rega' kien on sick u r-raguni kienet back pain.

Esebixxa Dok MS5, ir-rapport tat-tieni medical board fejn ir-ragunijiet kienu li mis-27 t'Awissu 1991 sat-3 ta' Frar 1992, ir-rikorrent kien qed ibati minn reactive depression u minhabba f'hekk kien gie boarded out mill-armata. Ipprezenta Dok MS6 li huwa l-medical history tar-rikorrent

mahrug mis-Surgeon Major Robert Galea. Fis-16 ta' Lulju 1991 rega' lura ghax xoghol fuq light work. With restriction kellu sedentary work. Fl-20 ta' Awissu 1991 apparti l-problema li kellu qabel kien depressed in pain u kien hemm notament "not put for sedentary work", u kien gie riferut lill-psikjatra fejn sabu stabbli.

Esebixxa Dok ABC1, kopja tal-annual report and employment sheet li jkopri mill-1 ta' Jannar 1989 sa 31 Dicembru 1991 u Dok ABC2, kopja ta' request li kien ghamel ir-rikorrent fejn fiha talab illi jinghata 6 xhur unpaid leave biex ikun jista' jintegra ruhu ahjar mal-familja tieghu.

Xehed Brigadier Maurice Calleja li semma li jiftakar li r-rikorrent kien impjegat il-Pay Office u li kien efficjenti, u jahdem tajjeb. Qal li kien kellmu xi Fizzjal Saliba fir-rigward tar-rikorrent biex jekk huwa possibbli jingieb ma' dan il-fizzjal, ghax kien efficjenti.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment principali tar-rikorrent hu li hu ma giex moghti l-promozzjonijiet fl-1988 u fl-1990. Irrizulta li fil-promozzjonijiet tal-1988 ir-rikorrent gie maqbuz minn 11-il persuna juniors tieghu. Kien hemm kliem ta' tifhir dwar ir-rikorrent mix-xhieda prodotti u ebda xhud ma kkritika lir-rikorrent. Ir-rikorrent kellu Education Class 3. Fost dawk li qabzuh kien hemm 9 b' Education Class Nil. Bhala trades kellu Clerk B3. Minn dawk li qabzuh tlieta kellhom Nil, li kellhom Nil ukoll fl-Education u cioe` Cauchi, Gatt u Zerafa. Huwa veru li kollha li qabzuh kellhom il-Cadre Course izda dwar dan hemm zewg kunsiderazzjonijiet. L-ewwel nett mhux gust li l-Cadre Course jigi moghti aktar importanza mill-education qualifications kif ukoll mit-trade qualifications kollha f' daqqa. Ukoll ir-rikorrent isostni li hu kien ried imur jaghmel il-Cadre Course izda kienet l-istess Armata li ma hallietux. Ghalhekk kif tista' wara l-Armata ssostni li ma kienx kwalifikat minhabba li ma kellux il-Cadre Course meta fil-fatt kienet hi stess li zammitu lura. Dan huwa sufficjenti biex ir-rikorrent jinghata kariga ta' Lance Bumbardier fl-1988. Ma hemmx ghalfejn li t-Tribunal jezamina fir-reqqa l-promozzjonijiet tal-1990 izda huwa sufficjenti li wiehed jghid li f' dan l-ezercizzju qabzuh

17 ohra inkluz Raymond Camilleri li kellu Nil fl-Education, Nil fit-Trades, ebda Cadre Course.

Dwar l-element ta’ transfers it-Tribunal ma jhossux sufficjentement konvint dwar l-element tal-ingustizzja u dan minhabba li fl-Armata wiehed irid ikun mistenni li jahdem f’ diversi postijiet u kif ordnat ghalkemm dan ma jfissirx li kull trasferiment huwa regolari izda fil-kaz in ezami ma gietx pruvata ingustizzja.

Ir-rikorrent talab ukoll li jkollu l-opportunita` jerga’ jingagga ruhu fl-Armata. Din fil-fehma tat-Tribunal mhix talba valida minhabba l-fatt li jekk l-impjieg tar-rikorrent kien gie terminat regolarment (u infatti f’ ebda stadju tar-rikors u provi r-rikorrent ma pprova jattakka tali proceduri) l-istess rikorrent ma jistax issa jsostni tali talba.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar il-promozzjonijiet tal-1988, jichad it-talba tar-rikorrent dwar transfers, u biex jerga’ jigi ngaggat fl-Armata.

Ghalhekk jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Lance Bumbardier b’effett mill-11 ta’ Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra u li tali promozzjoni tigi riflessa fil-penzjoni tar-rikorrent.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------